Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9498/25

LIMITE

CORLX 519
CFSP/PESC 787
CSDP/PSDC 334
EUCAP MALI 8
COAFR 116
CONUN 75
CSC 256

PUBLIC

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/…**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK**
**dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali**
**(EUCAP Sahel Mali)**

PUBLIC

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta' April 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/219/PESK[1] dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali).

(2) Fit-13 ta' Mejju 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/762[2], li, *inter alia*, stabbiliet Ċellula ta' Konsulenza u Koordinazzjoni Reġjonali (RACC) fi ħdan l-EUCAP Sahel Mali b'objettivi speċifiċi marbuta mal-istrutturi u l-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel. Ir-RACC hija organizzata mill-Artikolu 14.a tad-Deċiżjoni 2014/219/PESK.

(3) Fis-27 ta' Jannar 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/166[3], li estendiet l-EUCAP Sahel Mali sal-31 ta' Jannar 2027, bl-eċċezzjoni tar--RACC, li ġiet estiża sal-31 ta' Lulju 2025.

(4) Fid-29 ta' April 2025, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel dwar estensjoni ulterjuri tar-RACC sal-31 ta' Jannar 2026.

(5) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/219/PESK tiġi emendata skont dan.

---

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/219/PESK tal-15 ta' April 2014 dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali) ( ĠU L 113, 16.4.2014, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/219/oj).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/762 tat-13 ta’ Mejju 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (ĠU L 125, 14.5.2019, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/762/oj).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/166 tas-27 ta’ Jannar 2025 li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni ta’ PSDK tal-Unjoni Ewropea f’Mali (EUCAP Sahel Mali) (ĠU L, 2025/166, 28.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/166/oj).



PUBLIC

(6) EUCAP Sahel Mali ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel l-ilħuq tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

PUBLIC

*Artikolu 1*

Fid-Deċiżjoni 2014/219/PESK, it-tieni sentenza tal-Artikolu 18 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għandha tapplika sal-31 ta' Jannar 2027, ħlief għall-Artikolu 14a, li għandu japplika sal-31 ta' Jannar 2026.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

PUBLIC